

Brussell, 3 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10968/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0147 (NLE)

WTO 199
COASI 109

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Lulju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 313 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Arbitri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 313 final.

Mehmuż: COM(2019) 313 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2019
COM(2019) 313 final

2019/0147 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt
stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika
fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Arbitri**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, b'raba mal-adozzjoni prevista tal-Lista ta' individwi li jkunu lesti u jkunu jistgħu jservu bħala arbitri.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim") għandu l-għan li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment, kif ukoll jippromwovi relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib bejn il-Partijiet.

Fl-20 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkluda l-Ftehim wara li r-ratifika tal-Parlament Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2018. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

L-Artikolu 22.1(1) tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt li jinkludi rappreżentanti miż-żewġ Partijiet. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt għandhom jittieħdu b'konsens u jistgħu jiġu adottati matul laqgħa wiċċ imb wiċċ jew bil-miktub (l-Artikolu 22.2 (3)).

Skont is-subparagrafu 4 (f) tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt adotta fl-ewwel laqgħa tiegħu fil-10 ta' April 2019 ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri kif imsemmi fl-Artikolu 21.30 fil-Kapitolu dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.9, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi wkoll lista ta' mill-inqas disa' individwi li huma lesti u kapaċi li jservu ta' arbitri ("l-att previst").

Deċiżjoni bħal din mill-Kumitat Konġunt kellha ssir fil-prinċipju fl-ewwel laqgħa tiegħu skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim. Madankollu jista' jsir ukoll bil-miktub, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 22.2 tal-Ftehim.

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.9 il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista għal kull Parti u sublista għal individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom iservu bħala l-President tal-grupp. Kull sublista għandha tinkludi tal-anqas tliet individwi. Għall-istabbiliment jew għal aġġornament tas-sublista ta' Presidenti, kull Parti tista' tipponi sa tliet individwi.

Tħejja abbozz ta' lista ta' ħmistax-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri bejn il-partijiet.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, b'raba mal-adozzjoni tal-Lista tal-individwi li jkunu lesti u jkunu jistgħu jservu bħala arbitri.

Tħejja abbozz ta' lista ta' ħmistax-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri bejn il-partijiet. Il-lista tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.9 tal-Ftehim, fejn kull

sublista għandha tinkludi mill-inqas tliet individwi. Is-sublista għall-UE tinkludi erba' individwi, is-sublista għall-Ġappun tinkludi ħames individwi u s-sublista ta' presidenti miftiehma b'mod konġunt tinkludi sitt individwi.

L-adozzjoni ta' dawn id-dokumenti hija essenzjali biex id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim isiru operazzjonali fil-Kapitolu 21 (Soluzzjoni ta' Tilwim) u għalhekk biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konhant huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b'konformità mal-Artikolu 102 tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidental, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1907 tal-20 ta' Diċembru 2018² u daħal d'fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019. Skont l-Artikolu 22.1(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li dan il-Ftehim jaħdem sew u b'mod effettiv.
- (2) L-Artikolu 21.9 (1) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt matul l-ewwel laqgħa tiegħu jstabbilixxi lista ta' mill-inqas disa' individwi li huma lesti u kapaċi li jservu ta' arbitri. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 22.2 tal-Ftehim, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu adottati wkoll bil-miktub.
- (3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, għax id-Deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Arbitri għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

² ĠU L 330, 27.12.2018, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*